MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Numru. 937/2009

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**SF**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat SF gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Settembru 2009, f'xi hin wara nofs inhar gewwa Omissis;

1. B’eghmil zieni ikkorrompa lil NA, minuri ta’ ghaxar snin;

2. Bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fih l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess NA kontra l-volonta’ taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess taghha.

3. Ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq l-istess minuri NA.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-imsemmija minuri NA u l-familja taghha u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provediment tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 20 ta’ Awwissu 2010 (esebita a fol. 129 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 203(1),(a), (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikoli 201(a) u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) fl-artikolu 17(b) tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta’ Awwissu 2010, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.
Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrigwardaw allegat abbuz sesswali fuq tifla ta’ ghaxar snin, NA, li sehh fl-4 ta’ Settembru 2009 fil-fond Omissis. Il-minuri koncernata kienet tghix fl-imsemmija triq flimkien ma’ ommha CA, huha L ta’ sitt snin li huwa tifel b’dizabilita’ (autistic) u hutha tewmin li huma trabi ta’ seba’ xhur. Omm u missier il-minuri kienu separati u fid-dar maghhom kien gieli jkun hemm ukoll il-partner il-gdid ta’ ommha. L-imputat kien il-gahar taghhom u kien jghix wahdu fil-fond agjacenti. Fil-gurnata in dizamina il-minuri u huha kienu qed jilghabu fuq il-bankina barra d-dar taghhom u l-imputat hareg fuq l-ghatba tieghu u beda’ jkellimhom u mbaghad huma telghu mieghu fid-dar tieghu sabiex jaraw il-cartoons fuq it-television. Hemm qbil li l-imputat dahhal lit-tfal fil-kamra tas-sodda tieghu fejn kellu projector u li huma qadu bil-qeghda lkoll fuq is-sodda fejn bdew jaraw il-cartoons. F’hin minnhom it-tifla telqet mill-fond tal-imputat u marret ghand ommha u qaltilha li l-imputat kien dahhal idejh minn taht il-libsa taghha u l-ewwel messilha il-warrani u mbaghad beda’ jmexxi subghajgh il-quddiem lejn il-parti genitali taghha. L-omm li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta’ Settembru 2009 qalet li malli telghet it-tifla hija rat xi haga differenti fiha u meta staqsitha x’kien gara it-tifla irrakuntatilha li l-imputat l-ewwel kien qabdilha l-warrani waqt li kienu telghin it-tarag u mbaghad kien dahlilha idejh minn taht il-panty u messha fuq il-warrani u mbaghad caqlaq idejh ghal quddiem. L-omm qalet li hija kienet ixxukjata u t-tifla staqsitha jekk kinitx ser taghmel xi haga dwar dak li kien gara u l-istess tifla mbaghad marret minn rajha sabiex tigbor lil huha u giet lura bih. Hija tghid ukoll li meta t-tifla qaltilha ‘int m’hu ha taghmel xejn’ hija qaltilha sabiex icemplu lil missierha u fil-fatt hekk ghamlu u wara li tkellmu mieghu dan qalilha sabiex thalli kollox f’idejh ghaliex kien ser jiehu hsieb l-affarijiet hu. Fil-fatt mix-xhieda ta’ missier it-tifla, JA, li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta’ Settembru 2009 rrizulta li wara li huwa kellem lit-tifla u mar ghand l-avukat tieghu ghal parir sar rapport mal-Pulizija fir-rigward tal-allegat abbuz. JA qal li meta huwa gabar lit-tfal l-ghada filghodu tal-allegat incident u l-imputat ma kienx fil-gallarija tieghu bhal ma kien ikun is-soltu it-tifla qaltlu ‘m’hu ser tghidlu xejn’. Il-missier qal li meta kellem lit-tifla fuq it-telephone dakinhar

li sehh l-allegat akkadut hija kienet qaltlu li kienu marru ghand l-imputat u li huwa beda’ jipprova jaghmel l-affarijiet u li hija kienet qalet lil ommha izda ‘il-mummy ma hi ser taghmel xejn’.

Il-minuri NA xehdet bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tal-5 ta’ Ottubru 2009 fejn hija qalet li hi u huha L kienu qed jilghabu fuq il-bankina barra d-dar taghhom u meta ghajjew qadu bil-qeghda hdejn il-gahar taghhom, li wara identifikat bhala l-imputat u dan beda’ jdahhal idejh minn ghonqha u jtaptilha fuq darha izda mbaghad waqaf ghaliex kienet ghaddejja mara bit-tifla taghha u qalilha ‘ha nhallihom jghaddu lil dawn ghax inkella joqghodu jaraw’ u mbaghad malli ghaddew beda’ jmessilha il-warrani minn taht il-libsa. It-tifla tghid li mbaghad telghu fid-dar tieghu ghaliex dakinhar filghodu kien weghed lil huha li setghu imorru jaraw it-television ghandu u huwa hadhom fil-kamra tas-sodda tieghu fejn huma lkoll poggew fuq is-sodda u l-imputat dahhal idejh fil-panty taghha, messilha il-warrani u mbaghad messilha il-parti privata taghha u dahhal subghajh. Il-minuri qalet li hija qalet lill-imputat li riedet tmur ghand ommha u telqet u marret tghid lil ommha dwar dak li kien gara u mbaghad regghat marret lura ghall-huha fejn ghall-ewwel dan ma riedx imur lura ghaliex beda’ jiehu gost jara t-television izda mbaghad l-imputat refghu u nizlu t-tarag u marru d-dar. Hija qalet ukoll li dawn l-affarijiet graw f’dik l-okkazzjoni biss u qatt ma kienu graw qabel u li wara l-incident ma regghatx rat lill-imputat ghaliex huma l-gimgha ta’ wara telqu minn hemm u marru joqghodu Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi fl-10 ta’ Settembru 2009 l-imputat irrilaxxja stqarrija[1] fejn filwaqt li kkonferma li t-tfal kienu telghu ghandu sabiex jaraw it-television u huwa kien dahhalhom fil-kamra tas-sodda tieghu fejn kellu projector u huma qaghdu bil-qeghda fuq is-sodda sabiex jaraw il-cartoons, huwa cahad li b’xi mod kien mess lit-tifla. Huwa qal li t-tifla kienet

[1] Inserita a fol. 84 sa 86 tal-atti processwali.

dahlet idejha fil-qalziet ta' huha u messitlu l-parti genitali tieghu u huwa kien taha daqqa fuq il-warrani taghha u t-tifla qabdet u telqet u marret ghand ommha u ftit tal-hin wara giet tigbor lil huha u haditu lura d-dar wara li huwa kien refghu sabiex inizlu t-tarag. L-imputat ikkonferma din il-verzjoni tal-fatti meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta Novembru 2010 fejn rega' rribadixxa li huwa bl-ebda mod ma kien abbuza sesswalment mit-tifla u li l-unika haga li kien ghamel kienet li taha daqqa fuq il-warrani sabiex iwaqqafha milli tkompli tittanta lil huha.

Ikkunsidrat:

Ill wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha prodotti mill-partijiet f'din il-kawza b'mod partikolari x-xhieda tal-minuri, fejn rat il-video recording tal-istess xhieda, kellha dubji serji dwar il-kredibilita' tal-istess minuri. Dan jinghad ghal diversi ragunjiet fosthom il-fatt li l-minuri kemm meta tkellmet ma ommha u missierha u anki meta tkellmet mal-Pulizija u meta xehdet f'dawn il-proceduri naqset milli ssemmi l-fatt li f'xi hin hija kienet fil-fatt dahlet idejha fil-panty u messet il-parti genitali ta' huha, kif fil-fatt jallega li kienet ghamlet l-imputat kemm fl-istqarrija u anki meta xehed f'dawn il-proceduri. Il-Qorti izda setghat tinnota li fir-rapport imhejji mill-Ispettur Louise Calleja[2] hemm indikat is-segwenti:-

*"On the 10 September 2009,* ***SF, 69 years, s/o l Carmelo and l/Lorenza nee Scicluna, born Bormla on the 1st February 1940, residing at 35, St Edward's Street, Birzebbuga and holder of ID no 146340(M)*** *was arrested and investigated about the allegations of defilement of minor. On the same day he released a first statement whereby he denied allegations of lustful acts on the minor. On the other hand, he alleged that he scolded the minor since she touched her brother's private parts. Questioned as to whether he informed her mother about this behaviour, he replied in the negative and added that all he did was spank the girl. At this stage, minor was interviewed once again in order to confirm whether she*

---

[2] Inserit a fol. 90 u 91 tal-atti processwali.

*had touched her brother's private parts. In fact she confirmed that she did touch hin, however she did that jokingly."*

Il-Qorti setghat ukoll tinnota l-insistenza tat-tifla kemm ma ommha kif ukoll ma missierha li huma jghidu xi haga jew jaghmlu xi haga lill-imputat bhal li kieku hija riditu jiehu xi forma ta' kastig immedjat. Il-Qorti setghat tinnota wkoll li l-minuri regghat marret minn jedda sabiex tigbor lil huha minghand l-imputat u ma kellha ebda diffikolta' li tibqa' hemm sakemm huha accetta li jitlaq. Il-Qorti fl-ahhar nett innutat ukoll id-diskrepanza bejn dak li qalet il-minuri a tempo vergine fejn qalet lil ommha u lil missierha u anki lil Pulizija li l-imputat kien qabdilha il-warrani waqt li kienet tiela' t-tarag u dak li xehdet f'dawn il-proceduri fejn ma semmiet xejn dwar dak li gara fit-tarag izda qalet li graw xi affarijiet waqt li kienu bil-qeghda fuq l-ghatba qabel ma dahlu gewwa jaraw it-television. Dawn l-affarijiet kollha mehuda flimkien dahlu dubji konsiderevoli fil-Qorti dwar il-kredibilta' tat-tifla u geghluha tahseb li effettivament l-affarijiet setghu graw kif qed jallega l-imputat u li t-tifla fil-fatt telghat fuq ghand ommha ghaliex l-imputat kien taha daqqa fuq il-warrani wara dak li kienet ghamlet lil huha u hija riedet b'xi mod tpattihielu ghal dak li kien gara. In vista ta' dawn id-dubji l-Qorti ma jidrilhiex li l-Prosekuzzjoni tista' titqies li rnexxilha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan ghaliex id-dubji ghandhom ovvjament jimmilitaw favur l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni kemm ta' isem il-minuri u tal-familja taghha kif ukoll ta' isem u d-dettalji tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------